**QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)**

**BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI**

**MAGISTRAT**

**DR. ANTHONY G. VELLA BA. LL.D. M.A.**

**Illum 8 ta' Marzu 2018**

**Pulizija**

**Spettur Roderick Agius**

**Vs**

**Emanuel Borg**

**Il-Qorti;**

Wara li rat l-imputazzjonijiet kontra Emanuel Borg bin Francis u Carmela nee' Zammit imwieled Malta fl-20 ta' Dicembru 1954 u li joqghod 69, Peprina, triq il-Helsien, Qormi, detentur tal-karta tal-identita 34155M;

Talli nhar l-10 ta' Mejju 2012 u fil-jiem u xhur ta' qabel gewwa 88, Triq ix-Xitwa, Hal Qormi u f'dawn il-gzejjer b'diversi atti maghmulin minnu, ukoll jekk fi zminijiet differenti, li jiksru l-istess dispozizzjoni tal-Ligi, u li jkunu gew maghmula b'rizoluzzjoni wahda, b'mezzi kontra l-Ligi, jew billi:

1) Ghamel uzu ta' ismijiet foloz, jew ta' kwalifiki foloz, jew billi inqeda b'qerq iehor jew ingann, jew billi wera haga b'ohra sabiex igieghel titwemmen l-ezistenza ta' intraprizi foloz jew ta' hila, setgha fuq haddiehor, jew ta' krediti immaginarji, jew sabiex iqanqal tama jew biza' dwar xi grajja kimerika, ghamel qligh bi hsara ta' haddiehor u cioe' l-kumpanija Enemalta u/jew il-Gvern ta' Malta;

2) U aktar talli fl-istess lok, hin u cirkostanzi ikkommetta serq ta' dawl elettriku ta' valur ta' izjed minn mitejn u tnejn u tletin euro u erbgha u disghin centezmu (€232.94) izda mhux izjed minn elfejn, tlett mija u disgha u ghoxrin euro u sebgha u tletin centezmu (€2,329.37), ghad-dannu tal-kumpanija Enemalta u/jew il-Gvern ta' Malta, liema serq huwa aggravat bil-valur, bil-mezz, bil-hin u bil-lok;

3) U aktar talli l-istess data, lok u cirkostanzi rrenda ruhu recidiv ai termini ta' l-artikoli 49, 50 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' malta b'sentenzi moghtija mill-Qrati ta' malta, liema sentenzi saru definittivi u ma jistghux jinbidlu.

Rat id-dokumenti kollha ezebiti;

Rat l-atti kollha tal-kawza;

Semghet lill-partijiet;

**Ikkunsidrat;**

Illi l-fatti li taw lok ghal din il-kawza kienu s-segwenti. F' Mejju 2012, haddiema tal-Korporazzjoni Enemalta marru fil-fond tal-imputat, Farmhouse 88, Triq ix-Xitwa, Qormi, biex jinbidel il-'meter' tal-elettriku. Hemmhekk sabu l-'meter' antik li kien fih sinjali li xi hadd kien fethu u pprova jbaghbas it-thaddim tieghu, b' konsegwenza li l-istess 'meter' ma jurix il-konsum korrett fuqu. Ghalhekk sar ezercizzju mill-Korporazzjoni u harget stima ta' konsum ta' elettriku mhux registrat, li ghal perjodu ta' diversi snin ammonta ghal aktar minn elfejn Ewro, u ttiehdu dawn il-proceduri.

Mill-provi prodotti rrisulta dan kollu hawn fuq espost. Il-provi kollha prodotti huma univoci u ma gew kontradetti bl-ebda mod mill-imputat. Fil-fehma tal-Qorti, dan l-ghemil jammonta ghal serq ta' kurrent elettriku a dannu tal-Korporazzjoni, kif inkwadrat fit-tieni imputazzjoni. Ma jirrisultawx l-estremi taht l-ewwel imputazzjoni. Il-fatti tal-kaz ma jinkwadrawx taht ir-reat ta' frodi jew ta' qligh b'qerq, u ghalhekk din l-imputazzjoni ma tirrizultax. L-anqas ma rrizulta l-addebitu tar-recidiva.

Kwantu ghall-piena, il-Qorti sejra tikkundanna lill-imputat perjodu ta' prigunerija sospiza, flimkien ma' ordni ta' hlas lill-Korporazzjoni ghat-telf li sofriet f' dan iz-zmien kollu.

**Ghal dawn il-motivi l-Qorti;**

Wara li rat l-Artikoli 49 u 50, 261, 263, 267, 269, 270, 308 tal-Kap tal-Ligijiet ta' Malta;

Ma ssibx lill-imputat hati tal-ewwel u t-tielet akkuzi kif dedotti mill-Prosekuzzjoni u ghalhekk qieghda tilliberah minnhom.

Issibu hati tat-tieni akkuza kif dedotta mill-Prosekuzzjoni u qieghda tikkundannah ghal sena priguneriјa sospiza ghal sentejn ai tetmini tal-Artikolu 28A tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Tordna lill-imputat ihallas is-somma ta' elfejn, mija w sitt Ewro, erba' w tmenin centezmu (€2,106.84) fi zmien sitt xhur ai termini tal-Artikolu 28H tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Il-Qorti fissret fi kliem car, il-portata ta' din is-sentenza lill-imputat.

**DR ANTHONY G VELLA BA. LL.D. M.A.**

**MAGISTRAT**